# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tmienja (8/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Hamis 18 ta' Awissu 2015, fis-2.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Francis Callus | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-Vici Sindku Francis Callus ikkonferma li s-sur Kurt Camilleri Cutajar ghamel hafna xoghol f'isem in-nursery tal-Kunsill minghajr hlas u wara dan kellu jiehu l-opportunita biex jibqa man-nursery waqt illi ghamel il-korsijiet biex igib il-licenzji necessarji biex isir kowc {ref punt 4.3}. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hu kuntent b'dan il-persuna u jaqbel illi ghandu jinghata l-opportunita biex jahdem man-nursery izda xtaq illi kien jaf bid-decizjoni li ttiehed f'isem il-Kunsill qabel. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi meta kien Sindku kien qal dan kollu waqt laqgħa fil-leġislatur preċedenti u kien anka rringrazzja lis-sur Camilleri Cutajar ghall-ghajnuna tieghu.

3.2 Il-Vici Sindku qal illi l-medalji ma sarux bhas-snin precedenti {ref punt 4.5} u ghalhekk ma qabilx mal-kumment tal-Head Kowc illi qal illi ghandhom l-istess kliem. Is-Sindku kkonferma li l-isem tal-pagna ta' facebook tan-nursery issa inbidel biex tindika li taqa taht il-Kunsill.

3.3 Il-Vici Sindku qal illi l-Kunsill m'ghandux jonfoq il-flus fuq xejn u jixtri pjanti li jkollhom fjuri ghal perjodu temporanju biss {ref punt 4.7}. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi baghat ritratti lil Landscaper tal-faccata tal-knisja/zuntier u li rcieva stimi ghal pjanti differenti li huma tajbin ghall-area. L-istimi ivarjaw bejn 45 ewro u 75 ewro. Il-Vici Sindku qal illi jekk se nohorgu tender dalwaqt, m'hemmx raguni valida biex nonfqu hafna flus fuqhom bhalissa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hu lest imur jixtri pjanti godda ghal qabel il-festa. Hu u s-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermaw illi se jmorru jordnaw il-pjanti sal-ahhar tal-gimgha. Is-Segretarju Ezekuttiv talab illi l-Kunsill jaqbel illi jsir hlas mill-ewwel halli f'kaz illi l-ammont jibqa taht il-kwota ghal Direct Order, il-Kunsill ikun jista jimxi bl-akkwist ta' dawn il-pjanti. Qal ukoll illi se jcempel lill-kunsilliera biex javzahom rigward l-ammont illi se nonfqu.

3.4 Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi l-Kunsill ta Zurrieq kellhom jibaghtu ittra/emajl bl-intenzjoni tal-progett taghhom qabel l-applikazzjoni taghhom u qal illi kellhom igibu pjanta tax-xoghol {ref punt 8 tal-agenda}. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv qalu li huma gabu pjanta maghhom u hemm kopja tal-pjanta ghand is-Sindku. Is-Sindku kkonferma li l-iskop huwa li ssir hgieg fuq il-katakombi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ghamel talba biex il-perit taghhom jigi biex jaghti izjed informazzjoni rigward dan il-progett lil Kunsill, preferibilment flimkien mal-perit taghna.

3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal {ref punt 9 tal-Agenda, i.e "il-Festa"}:

- Il-mobajl toilets jiswew 83.20 ewro kuljum {ghal 3 ijiem} plus 50 ewro biex il-kuntrattur ibattal it-toilets {darbtejn}. Bil-VAT dan jammonta ghal 412.50 ewro. Il-Kunsill qabel illi ma nuzawx il-mobajl toilets peress illi se jiswew hafna flus extra.
- Ircieva stima ta 106.20 ewro ghall-kiri/tindif tal-iskips. Qal illi s-sena l-ohra konna hallasna 300 ewro lill-kuntrattur tal-iskamel ghall-istess haga u li dan offra l-istess prezz bhas-sena l-ohra. Il-Kunsill qabel illi naraw ma dan il-kuntrattur jekk hu lest ibaxxi l-istima tieghu. Jekk le ghandna nuzaw is-servizz tal-kuntrattur l-ieħor {Express Skip Services}

3.6 Il-Vici Sindku qal illi fil-futur, minn ihallas ghal permess, ghandu jhallas extra ghall-iskips. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi kull minn ihallas ghall-permess hu obligat illi jkollu bin ta 50litru {mill-inqas}. Zied illi l-iskips illi se nikru huma ta 240 litru.

3.7 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi sema illi l-pjancier se jintrama ħdejn l-knisja quddiem is-sorijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi iltaqa ma rapprezentanti tal-Kazin hafna drabi matul dawn l-ahhar ftit gimghat u qatt ma qalu li huma bi hsiebhom jaghmlu hekk. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi dawn ma jistgħux jaqbdu u jaghmlu l-pjancier fejn se jarmaw tal-qubbajd. Il-Kunsill qabel illi l-Kazin m'ghamlux sew illi hadu decizjoni hekk minghajr komunikazzjoni mal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv se jiltaqa mal-President tal-Kazin biex jaraw x'se jigri u biex ifehmu rigward il-possibilita ta' problema ma' minn ha l-permess biex jarma fil-Pjazza. Zied illi tal-qubbajd ghandhom jarmaw fil-pjazza bil-ligi u mkien iehor.

3.8 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi, avolja ma kellu l-ebda ilment rigward il-fuljett {ref punt 11 tal-Agenda} xtaq jara draft qabel, kif kien issir qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rega kellu problema li kien maghfus bil-hin peress illi dak illi kien qed jaghmel ix-xoghol kien se jsiefer. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi kien hemm bizzejjed hin sal-festa biex nohorgu draft. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi l-Kunsill kien qal illi l-fuljett ghandu johrog f'nofs is-sajf jew ftit wara, u mhux ezatt qabel il-festa ta' San Pawl.

3.9 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi t-tokens tal-attivita tal-21 t' Awwissu se jiswew 75 ewro {50 bi 1.50 ewro kull medalja}. Zied illi se nixtru flixkun ilma ghal kull partecipant.

3.10 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil gibed l-attenzjoni fuq il-kliem "ma joqoghdux residenti" {ref punt 12.2} rigward ir-risposta tas-Sindku meta s-sur Busuttil ilmenta li ma sar l-ebda arrangamenti fil-pjazza meta lmenta fuq l-ammont tal-ilma li jkun hemm fix-xitwa, izda li hemm proposta biex nirrangaw triq differenti minhabba lment ta resident. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi hemm zball fil-livell tat-triq {Qerd in-Nahal} u minn qed jaghmel ix-xoghol hemmhekk qed jipprova jitfa kollox fuq il-Kunsill. Qal illi ghandna naghmlu talba lil TM biex jaghmlu survery fuq il-livell tat-triq u wara nibaghtu r-rizultati lil TM biex jaraw jekk hadmu kif suppost. Zied illi hemm bzonn ta' culvert. Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk huwa possibli li l-perit ta' dan l-individwu ma kienx jaf fuq il-problema. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ressaq l-istess mistoqsija fil-laqgha precedent.

3.11 Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi l-pompa {ref punt 12.3} saret meta ghamilna s-showers tal-grawnd. Qal illi hemm problema bil-mutur u mhux bil-pompa per se. Qal illi din kienet fuq il-bejt tal-latrina izda ma kinitx ikkonetjata mal-Public Convenience [izda max-showers biss]. Qal illi kkonettja l-

Public Convenience mal-pompa biss wara li l-flushing kien idum biex jintela. Zied illi issa magħha hemm l-I.T Room

3.12 Il-kunsilliera Joanna Abdilla resqet talba ghall-updates rigward punt 12.3. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-perit tal-Kunsill kellu impenji ohrajn personali matul l-ahhar ftit gimghat u li kien avza l-Kunsill gimghat ilu fuq dan, u ghandna naraw x'jista jsir fix-xelters dalwaqt. Il-Vici Sindku qal illi l-problema li hemm fix-shelters huwa li m'hemmx bokka ohra u qal illi ghandna ntaqbu minn taht l-art u naraw fejn qegħda. Qal illi wara ghandna naghmlu talba lil TM biex niddevjaw il-bankina. Sema li l-ikbar problema li se niffacjaw huwa kif se ntelgħu il-hmieg kollu minn hemm minhabba n-nuqqas t'arja ghall-haddiema li ghandhom bzonn jaghmlu x-xoghol fihom. Qal illi haddiema ghandhom jinzlu biss meta jkun hemm izjed arja fix-xelters. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma jafx kemm se nsibu minn jista jtaqqab. Il-Vici Sindku qal illi jaf xi nies illi jaghmlu dan ix-xoghol.

3.13 Il-kunsillier Joanna Abdilla staqsiet fuq update rigward triq il-Kuccard {ref punt 12.12}. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi l-impjegati tal-ETC ma jistgħux jaghmlu dak ix-xoghol u ghandhom jigu ta' TM biex jiehdu hsieb. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-haddiema tal-ETC ghandhom jiehdu hsieb illi jigbru l-haxix u l-imbarazz illi hemm, u mhux il-gebel/bricks.

3.14 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi EneMalta gew biex jiehdu hsieb l-ilment rigward l-arbli ta' triq San Tumas {ref punt 12.17}. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ghandhom jigu darb'ohra biex jiehdu hsieb is-shifting.

3.15 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi m'hemmx rampi fejn qed jissuġġerixxi li ssir parking normali f'triq il-Kaċċaturi [ref punt 12.27]. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi kien hemm problemi kbar fit-triq minħabba residenta li kienet timpika ma persuna b'diżabilita, u qal illi l-kunsilliera għandhom jaraw l-area qabel ma jieħdu deċizjoni. Żied illi hemm bizzejjed parkings għar-residenti tat-triq. Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Joanna Abdilla qalu li hemm residenti minn toroq oħrajn illi juzaw it-triq għall-parking u hemm bzonn illi naħsbu fuqhom ukoll.

3.16 Is-Sindku qal illi l-Kunsill qed jagħti complimentary classes u mhux Skola Sajf [ref 12.35] bħal ma sar is-sena l-oħra. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi s-sena l-oħra konna għamilna Skola Sajf. Is-Sindku qal illi kienu saru klassijiet għaz-zgħar peress illi l-Gvern beda jagħti Skola Sajf bi prezz inqas, u li din is-sena qegħdin naħdmu bl-istess mod bħas-sena l-oħra.

3.17 Il-Viċi Sindku qal illi hemm aerial u jistgħu jużaw dan minflok il-cable [ref punt 12.37]. Hemm bzonn illi nixtru l-apparrat li jaqleb minn analogue għal digital.

## 4. Korrespondenza

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba biex l-area Ta' Ġawħar issir one-way. Il-Kunsill m'aċċettax din it-talba

## 5. Payment Approval Sheet

5.1 Il-Payment Approval Sheet ġiet approvata u ffirmata.

## 6. Tender tal-grawnd

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bi qbil tal-Kunsill ikun jista joħroġ avviz fuq id-DOI biex it-tender tal-grawnd tinġabar fi żmien ġimagħtejn peress illi hemm bzonn illi nsibu kuntrattur malajr kemm jista jkun peress illi m'hemm ħadd biex jiftaħ bħalissa. Il-Kunsill approva li l-offerti għandhom jaslu sa nhar il-Ġimgħa 4 ta' Settembru.

## 7. Extensions għall-kuntratti li jiskadu fil-ġimgħat illi ġejjin.

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba għall-estenzjoni tal-kuntratt tal-Perit. Qal illi dan dejjem ħadem sew u l-Kunsill kien sodisfatt bix-xogħol tiegħu u approvaw din it-talba.

7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba għall-estenzjoni tal-kuntratt tal-Accountant. Qal illi din dejjem ħadmet sew u l-Kunsill kien sodisfatt bix-xogħol tagħha u approvaw din it-talba.

7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba għall-estenzjoni tal-kuntratt tal-Handyman. Qal illi dan dejjem ħadem sew u l-Kunsill kien sodisfatt bix-xogħol tiegħu u approvaw din it-talba.

**8. Bye Law: Għamara tat-toroq**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-kunsilliera jekk jixtiequ jagħmlu ammendi għall-bye-law li tagħhom mad-dokumenti tal-laqgħa rigward riklami fuq l-għamara tat-toroq.

Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi fejn hemm miktub "Ibiegħ' għandu jinqara "Jikri" minflok. Żied illi l-ebda kuntrattur m'għandu jkollu dritt ibiegħ il-propjeta li jkun se juza għar-riklami u li din dejjem tibqa propjeta tal-Kunsill. Il-kunsilliera qablu mal-proposta.
Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi jemmen illi aħna għandna ngħidu kif għandha tkun id-disinn tagħhom. Il-Kunsill qabel illi dawn għandhom jiġu approvati l-ewwel, għaliex il-kuntrattur għandu juri x'disieni għandhom għax huma jkunu fixed.

**9. Bye-law: Sponsor tal-kit tan-Nursery**

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi se jagħti l-ispecs tal-bye-law fil-laqgħa li jmiss. Il-kunsillier Carlo Stivala fakkar illi riklami għandhom isiru fuq il-kits tal-logħob biss u mhux tat-training.

**10. Ħwejjeg Oħra**

Is-Sindku

10.1 qal illi rċieva talba għal sleeping policeman f'triq il-Karwija c/w triq Rqajja avolja jemmen illi diffiċli li ssir sleeping policeman fejn jixtieq dan il-persuna. Għalhekk issuġerixxa li ssir tabella 'slow turn, farm exit'. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi TM mhux se jagħtu permess għal sleeping police fl-area wara li hu kien applika fil-passat għal xejn. Qal illi għandna nagħmlu tabella 'SLOW' u 'left turn' taħta. Żied illi taħt il-leġislatura tiegħu dan il-persuna ġie jirrabja kemm il-darba u hu kien tah l-updates minn TM biex juri li sleeping police ma setax issir. Il-Kunsill qabel illi ssir it-tabella 'Slow turn, farm exit'. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa li nagħmlu bankina hemm. Il-Viċi Sindku qal illi noħolqu problema ikbar għall-individwu għax għandu d-daħla taħt il-livell tat-triq izomm l-ilma fl-entratura tal-propjetau tegħreq il-propjeta.

10.2 qal illi hemm bzonn ta kaxxa safra zgħira f'triq l-Ibraġġ għax meta jipparkjaw hemm, nies li juzaw wheelchairs jew pushchairs ma jkunux jistgħux jużaw il-passaġġ li hemm għalihom. Il-Kunsill qabel. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar il-possibilita li ssir bankina fejn ir-razzett l-antik li hemm mar-roundabout tal-istess triq. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi kiku tidjieq sew it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bankina għandha tkun mill-inqas 1.2metri. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi hemm bzonn illi jinqata l-ħaxix hemmhekk u mhux illi ssir bankina.

10.3 qal illi qegħdin jiżdiedu l-perikli u l-inċidenti fejn il-Convenience Store. Il-Kunsill approva s-suġġeriment tiegħu li ssiru double yellow lines quddiem il-Convenience Store. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandhom isiru tabelli 'NO PARKING: TOWING AREA' ħalli ħadd ma jipparkja mal-kantuniera u anqas barra l-garaxijiet illi hemm. Il-Kunsill qabel illi jsiru tabelli simili, jew 'STRICTLY NO PARKING'. Il-kunsillier Carlo Stivala u l-Viċi Sindku Francis Callus ikkonfermaw li l-wardens qegħdin ikunu fl-area ta' spiss u qegħdin jagħtu ċitazzjonijiet. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi għandna nagħmlu linji wkoll biex nuru li hemm bus stop faċċata tal-Convenience Store.

10.4 ressaq talba mill-Kazin tal-Banda biex jarmaw bar f'triq il-Kuċċard għal festa, fejn jixtiequ jagħmlu ikel ukoll. Il-Kunsill qabel.

10.5 qal illi hemm bzonn illi jinbidlu l-gutters tal-grawnd. Il-Kunsill qabel.

10.6 qal illi Safi AFC qegħdin juzaw il-grawnd tagħna darba fil-ġimgħa għat-training. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jilagħbu mingħajr ħlas.

10.7 irċieva talba biex isiru double yellow lines quddiem sqaq Santa Marija għax hemm min jipparkja mal-ġnub tal-isqaq u s-sidien qegħdin isibu diffikulta biex joħorġu. Il-kunsillier Pietru Pawl qal illi hemm garaxx fl-isqaq. Il-Viċi Sindku Francis Callus issuġġerixxa li nagħmlu tabella 'NO STOPING, NO WAITING' mal-ħajt tal-pilastru. Il-kunsillier Pietru Pawl qal illi bid-double yellows hemm inqas spejjez u bzonn ta' manutenzjoni. Il-Viċi Sindku qal illi l-aqwa li jsir xi ħaġa jaqbel u l-Kunsill qabel illi ssir dan ix-xogħol.

Il-Viċi Sindku Francis Callus:

10.8 qal illi isemmiet kwistjoni fuq tabella 'Hawkers Stand' fil-laqgħa preċedenti. Qal illi ma sar bl-ebda favur u għamilha hu għax warden kien ġie biex iħarrek lil hawker li jarma hemmhekk frekwenti. Qal

illi din it-tabella tintuza minn 3 hawkers illi għandhom kull dritt jarmaw hemm peress illi jagħtu servizz għal lokalita, waqt illi warden m'għandu l-ebda dritt iħarrikhom. Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk japplika għal hawker partikolari jew kull minn jixtieq ibiegħ. Il-Viċi Sindku qal illi l-ewwel wieħed illi jmur jarma għandu dritt jibqa hemm fil-ġurnata l-vojta. Il-kunsilliera Joanna Abdilla ssuġerriet illi nbidlu l-wording jekk hemm bzonn.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

10.9 staqsiet għall-updates rigward l-azzjoni li ttieħdet kontra dawk illi nqabdu jarmu l-boroz barra il-BIS ta' triq il-Kuċċard. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ispettur qalu li qegħdin jieħdu azzjoni u peress illi ma setax ilaħħaq hu, issa hemm surġent illi qed jinvestiga l-filmati. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi għandna nistaqsu biex minn jinsab ħati, iħallas xi ħaġa bħala running costs tal-kameras.

10.10 Fakkret illi hemm bzonn tal-istreet names għal triq is-Summien u Trejqet Twemmin.

10.11 Irrapurtat bozza li qed tpetpet barra Safi Pharmacy f'triq San Ġwann.

10.12 Qalet illi rċeviet talba biex inaqsu post ta' parkeġġ ġo post partikolari f'triq Rqajja. Il-persuna ma kellha l-ebda raġuni valida għal din it-talba u l-Kunsill ma qabilx. Il-Kunsill qabel biss illi ssir linja minn metru l-bogħod mill-garaxx tal-istess persuna.

10.13 Staqsiet dwar il-possibilita li ssir tarmakk fl-area tal-Ħlantun. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li l-Kunsill ma jista jikejterja għall-ispejjez biex issir dan ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk hemm 70% ħsara fit-triq TM għandhom jieħdu ħsieb il-manutenzjoni.

10.14 Issuggeriet illi nirranġaw l-isqaq San Pawl nru 1. Qalet illi għandna nagħmlu dawl sabiħ u nagħtu naqra izjed ħajja l-area. Il-Viċi Sindku qal illi jekk issir dan ix-xogħol se nagħtu problemi għal min jixtieq jibni hemm. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi almenu jista jsir xogħol ta' manutenzjoni izda l-Kunsill ma qabilx peress illi dawk illi jagħdu minn hemm huma għas-servizzi u mhux karozzi normali.

10.15 kellha update fuq it-tour ta' Sqallija. Qalet illi se ssir fit-12 ta' Settembru u sejrin Syracusa. Għal prezz ta €130 [tfal €60] se jkun hemm trasport provdut u ikla 6 kors. Mall-prezz it-trasport għandu jkun provdut.

10.16 Qalet illi mhux se jsiru l-attivitajiet kollha li ssemmiet fl-aħħar laqgħa fi ftit żmien u tixtieq tagħmel attivita oħra tad-diving [mat-tonn]

10.17 Ilmentat li qatt ma jkun hemm pulizija fl-għassa. Is-Sindku qal illi aħjar ikunu fuq barra. Il-Viċi Sindku qabel illi pulizija għandu jkun barra mill-għassa u jdur ir-raħal. Il-Kunsill jaf li manpower m'hemmx u sfortunatament xi drabi huwa diffiċli biex ikolna pulizija fir-raħal.

10.18 Ilmentat li ttieħed deċizjoni mingħajr il-kunsens tal-Kunsill rigward min kellu jiftaħ il-grawnd. Ma qabiltx li l-persuna li kien ħa l-kariga mingħajr il-kunsens tal-Kunsill isemma li kien hemm tlett kunsilliera partikolari li ma qablux mal-ħatra tiegħu meta fil-fatt huma kienu kontra l-fatt illi ttieħed deċizjoni mingħajr il-kunsens tagħhom, u mhux illi ma qablux mal-persuna partikolari. Il-Viċi Sindku qal illi ddejjaq li ssemma ismu meta anqas kien fil-laqgħa u qal illi persuna mar għandu b'ton arroganti u offendiħ fuq deċiżjoni li ħa hu meta anqas kien preżenti fil-laqgħa. Il-kunsillier Pietru Pawl ukoll ilmenta fuq dan il-kaz u qal illi fil-passat kien anka mar hu biex jiftaħ il-grawnd meta kien hemm bzonn. Aċċetta li s-Sindku forsi ma jkunx jista jagħmel hekk jekk ikollu x-xogħol izda ma qabilx li l-kunsilliera ma kienux avzati fuq dak illi ġara. Is-Sindku reġa spjega is-sitwazzjoni u qal li persuna ġie mitlub biex jieħu ħsieb il-grawnd fuq bażi temporarja sakemm il-Kunsill seta jieħu deċizjoni fuq it-tender. Qal illi wara li l-kunsilliera ma qablux ma dan waqqaf kollox u se naħdmu mingħajr kuntrattur sakemm niftħu l-kaxxa tal-offerti għat-tender. It-tender se jkun miftugħ għall-pubbliku wara l-laqgħa għal perjodu ta' ġimagħtejn.

10.19 Qalet illi hemm tabella "30" li m'għandha l-ebda uzu f'triq is-Summien c/w Kuċċard. Din se titneħħa.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

10.20 Qal illi hemm parking bays f'triq l-Ibraġġ u jemmen illi għandhom isiru parking bays in-naħa l-oħra tat-triq ukoll. Il-Kunsill qabel. Qal ukoll illi hemm kaxxa kbira ħafna hemm u fuq dan il-punt il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi qabel ma jkompli fuq dan is-suġġett għandu jkun jaf illi kien hemm ħafna inkwiet fuqhom fil-passat u aħjar ma mmissu xejn.

10.21 staqsa dwar il-possibilita li jsiru tined fuq il-bus stops temporarji fiz-zmien tal-festa. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi dan se jkun impossibli. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi TM ġabu żewġ bus stops temporarji.

10.22 Issuġerixxa li nagħmlu 'highlights' fuq il-bankina li hemm f'triq il-Kuċċard c/w triq San Ġwann għax hemm min qed jitla fuqhom. Il-Viċi Sindku qal illi għandna nagħmlu reflector [zebgħa bajda u iswed]. Il-Kunsill qabel illi jsir ix-xogħol.

10.23 Qal illi meta saru d-double yellow lines f'triq San Tumas, kien hemm parti tat-triq fejn dawn ma tkomplewx u għamel talba biex il-linja tkompli.

10.24 Qal illi saru numri fil-grawnd tal-futbol li għandhom bzonn tibjida.

10.25 Staqsa għall-info rigward il-permessi għal festa. Is-Segretarju Eżekuttiv tah il-karta bl-informazzjoni kollha. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi min jaqbez il-linja jiġi żżarmat minn hemm u li l-kunsillier Stivala għandu jieħu ħsieb illi kulħadd izomm mal-permess li ingħata.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:

10.26. Qal illi hemm bzonn zebgħa friska f'triq San Ġorġ.

10.27 Qal illi hemm il-ħofor fl-area tal-Ħlantun.

10.28 Qal illi hemm bzonn illi jitneħħa l-ħaxix ħazin kollu li hemm fir-raħal.

10.29 Reġa qal illi l-laqgħa pubblika ma saritx. Din kienet impossibli minħabba l-elezzjoni u l-bidla tal-leġislatura u ssir lejn l-aħħar tas-sena.

10.30 Ilmenta li ma kien jaf b'xejn rigward Skola Sajf. Is-Sindku qal illi spjega s-sitwazzjoni fil-bidu tal-laqgħa u li aħna qegħdin nagħtu complimantary classes u mhux Skola Sajf.

10.31. Qal hemm ħafna ħaxix madwar il-Ħajt Ruman. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ġardinar diġa jaf u se jieħu ħsieb ix-xogħol.

10.32 Qal illi hemm bzonn li titranġa r-roundabout u l-area madwar is-siġra taz-zebbuġ illi hemm faċċata tad-dar tal-Kappillan. Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn illi jinqata l-għeruq qabel ma nirranġaw it-tarmak. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-kurduna qegħda maqtugħa wkoll.

10.33 Qal illi triq il-Kuċċard baqgħet kif kienet. Is-Sindku qal illi d-dewmien ġej min naħa ta' TM.

10.34 Ilmenta fuq l-istat tas-siġar illi hemm fejn il-knisja. Is-Sindku qal illi dawn għandhom jinbidlu.

10.35 Qal illi l-honeymoon period tas-Sindku issa spiċċa u qal illi waqt illi ma jixtieqx jikritika, hemm bzonn illi s-Sindku jibda jdur mar-raħal iktar spiss. Qal illi hemm ħafna affarijiet illi jistgħu jitranġaw jekk jagħmel hekk. Is-Sindku qal illi kemm il-darba dar mal-ħaddiema. Il-Viċi Sindku qal illi dan huwa ħela ta' ħin tal-ħaddiema għax għandhom bizzejjed xogħol u qabel illi s-Sindku għandu jdur biex jara x'hemm bzonn u jekk sar ix-xogħol meħtieġ.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal:

10.36 Il-Head kowċ tan-Nursery jixtieq jieħu t-tfal s'Għawdex nhar il-Ħadd 23 t'Awwissu biex jilagħbu logħba kontra Nadur. Il-Kunsill qabel. Dan se jsir għall-prezz ta €6 kull persuna.

10.37 għamel talba għax-xiri ta' 10 blalen tal-futbol bi prezz speċjali ta' €100 total. Il-Kunsill qabel.

10.38 ressq stima għall-approvazzjoni rigward ix-xiri ta' swings għall-bandli fejn il-grawnd tal-futbol. Il-Kunsill qabel illi nixtru sett t'4 swings għall-prezz ta' €99 per swing.

10.39 Il-Kunsill qabel li nuzaw is-servizz ta' JGC meta s-Segretarju Eżekuttiv ħareġ l-istimi li kellu għax-xogħol ta' manutenzjoni tax-xibka tal-grawnd. JGC kienu l-irħas bi prezz ta €2700.

10.40 Irċieva talba għax-xirja ta' chaser zgħir mill-ħaddiema tal-IPSL. Il-Kunsill qabel.

10.41 Qal illi rċieva talba għall-no objection minn Zurrieq Wolves biex jagħmlu maratona li se tgħaddi minn Ħal Safi f'Novembru. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

10.42 Qal illi nhar is-Sibt 29 t'Awwissu se jiġu COMTEC għax hemm bzonn illi jbexxu l-Kunsill. L-istima li rċieva kienet ta €128 li tinkludi wkoll il-librerija. Il-Kunsill qabel.

13. **Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.40pm.

11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fl-15 ta’ Settembru 2015.

Sindku

Johan Mula

Segretarju Eżekuttiv

Anthony Attard